MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 260/2004

**APS Bank Limited**
**vs**
**Kidsline Limited (C 25614)**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tal-Bank attur tat-18 ta’ Mejju, 2004 ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef, tliet mija u tlieta u tmenin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm4,383.65) rapprezentanti bilanc ta’ debitu ta’ kont kurrenti (overdraft account) numru 13164030016 (Dok. A), oltre l-imghax ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz u bl-imghax ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru, 2003 sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' Raymond Cutajar ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta datata 2 ta' Gunju, 2004 fejn ammetta t-talbiet attrici kif dedotti;

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------